Suppliment tal-Gazzetta tal-Gvern ta' Malta, Nru. 20,583, 5 ta' Marzu, 2021
Taqsima B

A.L. 77 tal-2021

ATT DWAR IS-SAĦĦA PUBBLIKA
(KAP. 465)

Regolamenti tal-2021 Dwar Gruppi ta' Persuni f'Proprjetajiet Residenzjali

BIS-SAĦĦA tas-setghat mogħtija bl-artikolu 26 tal-Att dwar is-Saħħa Pubblika, il-Ministru responsabbli għas-saħħa pubblika, wara konsultazzjoni mas-Suprintendent għas-Saħħa Pubblika, għamel dawn ir-regolamenti li gejjin:

Titolu.

1. It-titolu ta' dawn ir-Regolamenti hu r-Regolamenti tal-2021 Dwar Gruppi ta' Persuni f'Proprjetajiet Residenzjali.

Projbizzjoni ta' gruppi f'proprjetajiet residenzjali.

2. Gruppi ta' persuni li rispettivament bejniethom ikunu jgħixu f'iktar minn erba' (4) residenzi differenti ma jistgħux jinġabru f'proprjetà residenzjali.

Reati u pieni.

3. Kull persuna li tonqos milli tosserva d-dispożizzjonijiet ta' dawn ir-regolamenti għandha tkun ħatja ta' reat u teħel, meta tinstab ħatja, penali ta' mitt euro (€100) għal kull okkażżjoni li tikser dawn ir-regolamenti:

Iżda jekk ir-reat jiġi ammess u l-penali tiġi mħallsa qabel ma jibdew il-proċeduri quddiem il-Kummissarju tal-Ġustizzja, il-penali applikabbli għandha tkun imnaqqsa għal ħamsin euro (€50).

Data sa meta jibqgħu fis-seħħ u dispożizzjoni tranżitorja.

4. Dawn ir-regolamenti għandhom jibqgħu fis-seħħ sal-11 ta' April 2021:

Iżda dawn ir-regolamenti, inkluż wara l-11 ta' April, 2021 għandhom jitqiesu li għadhom fis-seħħ għall-finijiet ta' kull att, deċiżjoni, azzjoni jew proċeduri meħuda fir-rigward ta' xi ksur tal-istess regolamenti li seħħew jew ġew istitwiti taħt jew bis-saħħa tal-istess regolamenti.